# MEJJU MA' MARIJA

Se nibdew ix-xahar ta' Mejju. Mejju ma' Ommna Marija. Mingħalija kien San Filippu Neri li daħħal din id-devozzjoni Marjana għax-xahar ta' Mejju. Dak li huwa tajjeb, anke jekk qadim, għandna nibqgħu nipprattikawh. Ma ninsewx li l-kelma TRADIZZJONI ġejja minn kelma bil-Latin li tfisser tgħaddi lill-oħrajn dak it-tajjeb li int irċevejt minn ta' qablek. F'Għawdex għandna x-xorti ta' ħafna santwarji ddedikati lill-Madonna. Kemm tkun ħaġa edukattiva u azzjoni anke reliġjuża li mmorru bil-familja biex nidħlu fihom matul dan ix-xahar ta' Mejju. Insemmilkom xi wħud: is-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala, il-knisja ta' Lourdes u l-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem, il-knisja Katidrali, il-knisja parrokkjali tax-Xagħra, il-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ, il-knisja tal-Patroċinju fl-Għasri, il-kappella tal-Lunzjata fil-Wied tal-Lunzjata, u oħrajn.



Il-Knisja li tgħaqqadna flimkien bħala poplu Marjan, żgur li hija dik tal-Madonna ta' Pinu. Is-Santwarju ta' Pinu huwa l-post li jiġbed lill-Għawdxin kollha, saħansitra li huma xi ftit imnaffrin. L-Erbgħat fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu se jibdew nhar l-Erbgħa 3 ta' Mejju. Filgħaxija jkun hemm quddies fil-5:00pm, fis-6:30pm u fit-8:00pm.

Tkun ħaġa wisq sabiħa li naqbżu sa ta' Pinu nhar ta' Erbgħa biex hemm ngħidu r-rużarju jew it-tliet Avemarijiet. Nixtieq minn hawn nifraħ lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru li jżommu dan l-impenn matul l-Erbgħat kollha.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*



**SEJĦA GĦAL ABBATINI ĠODDA**

Qed issir sejħa speċjali għal dawk it-tfal subien li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena jew oħrajn ikbar, li jixtiequ jissieħbu mal-grupp tal-abbatini tal-parroċċa tagħna biex sal-Ħadd 30 t'April jikkuntattjaw lill-Arċipriet jew lil Dun Reuben Micallef ħalli eventwalment wara din id-data jkunu jistgħu jibdew it-taħriġ biex sal-festa tal-Imnarja ta' din is-sena jagħmlu l-vestizzjoni bħala abbatini.

**Shemà—Lejl Imdawwal:** nhar is-Sibt li ġej, 6 ta' Mejju, imtella' mid-Djoċesi ta' Għawdex. Dan hu lejl iddedikat lill-Iskrittura Mqaddsa, b'diversi attivitajiet kulturali, wirjiet, kunċerti u anki attivitajiet għat-tfal ikkonċentrati fiċ-ċentru tar-Rabat. L-attivitajiet se jkunu mis-7.00pm sa nofsillejl. Id-dettalji tal-programm se jitqassmu mal-bullettin. Inħeġġukom tattendu u xxerrdu l-kelma mal-familjari u l-ħbieb tagħkom.



## L-AVVIŻI:

**LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI:** li qed irabbu tfal u adolexxenti, dan is-Sibt 29 t'April, fid-Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13 fis-7:30pm. Is-suġġett huwa *Inkunu assertivi fit-trobbija ta' wliedna.* Kelliema: Miriam Portelli. Nieħdu sehem għall-ġid ta' wliedna. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

**RUŻARJU MATUL MEJJU:** matul ix-xahar ta' Mejju se jingħad ir-rużarju qabel l-aħħar quddiesa ta' filgħaxija, jiġifieri fis-6:30pm. Sewwa li wieħed jaħseb ftit qabel biex jilħaq it-talba favorita ta' Ommna tas-sema.

**GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** jiltaqa' nhar it-Tnejn 1 ta' Mejju għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur. Fl-4:30pm jibda r-rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm il-Quddiesa. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** se torganizza ħarġa għal Marsalforn nhar il-Ħamis 4 ta' Mejju. Nattendu għall-quddiesa fil-kappella ta' Fr Anton Schembri u wara nieħdu kafè. Nitilqu fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 / 79923153.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, filgħaxija wara l-quddiesa tal-5:00pm. Nistiednu lil kulħadd jieħu sehem f'din l-Adorazzjoni.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** matul Mejju l-Leġjun ta' Marija fin-Nadur se jkun qed jorganizza rużarju bil-beraħ fi nħawi differenti fir-raħal. Għalhekk nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju niltaqgħu fi Ġnien il-Kunsill għas-6:00pm. Kulħadd hu mistieden.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, nhar is-Sibt 6 ta' Mejju fit-8:15am, b'riparazzjoni lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd hu mistieden.

**ĠABRA GĦAS-SEMINARJU:** Dun Richard N. Farrugia, ir-Rettur tas-Seminarju Maġġuri, bagħat jirringrazzja lil dawk kollha li taw l-offerta tagħhom għas-Seminarju Maġġuri fil-ġabra li għamilna fil-quddies tas-Sibt u l-Ħadd dan l-aħħar. Il-ġabra kienet ta' €1527.25. B'din l-offerta qegħdin tgħinu fl-edukazzjoni u l-formazzjoni tas-saċerdoti tal-futur.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am